**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN**
**22 ta' MARZU, 2017**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjur Ignatius Farrugia, l-Viċi Sindku s-Sinjura Rita Grima, u l-Kunsilliera Dr Jean Pierre Attard, s-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Pierre Farrugia, s-Sur Kenneth Farrugia, s-Sur David Abdilla u s-Sur Dino Bonnici.

**ASSENTI**

Il-Kunsillier Tiffany Ann Farrugia nfurmat lill-Kunsill li ma setgħatx tattendi għas-seduta minħabba eżami li għandha fl-Universita'. Il-Kunsill aċċetta li l-iskuża tal-Kunsillieri. **Dok 1 mehmuż.**

**Ambaxxatur taż-Żgħażagħ**

Is-Sur Kaydem Schembri nforma li ma setgħax jattendi minħabba inpenji ta' studju.

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Ignatius Farrguia ppresjeda s-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **25.1** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| 25.1.1 | | Fir-rigward ta' punt 24.5.1 l-Kunsillier Joseph D'Amato rringrazzja lill-Viċi Sindku Rita Grima u lill-Kunsillier David Abdilla talli attendew għall-kunċert mill-Orkestra li sar fl-Imdina. Hu qal li jħossu sodisfatt mill-attendenza li kienet preżenti u mill-Kunċert li ingħata.<br>Il-Kunsillier David Abdilla faħħar l-attivita' u qal li kienet ħasra li tali attivita' ma kienetx irrekordjata. |

| | | |
|---|---|---|
| 25.1.2 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici qal li fir-rigward ta' punt 24.6.3, jeħtieġ li tiżdied il-frekwenza ta' knies fi Triq il-Karmnu biex tonqos l-inkonvenjenza tal-ħmieġ tal-qtates li hemm fl-akwata.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni li il-frekwenza żdieded b'ġurnata oħra meta jkun possibbli, għax fit-tender il-kuntrattur għandu li it-toroq kollha jinkinsu darba biss fil-ġimgħa.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li ma jaqbilx li ċertu toroq ikunu priviliġġati minn oħrajn, għax hemm toroq oħra bil-problema ta' ħmieġ ta' annimali. |
| | | |
| 25.1.3 | | Ġew approvati l-minuti tal-erbgħa u għoxrin –il seduta. |
| | | |
| ***25.2*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA, U TAL-LAQGĦAT ANNWALI U TAL-KUNSILL LOKALI ŻGĦAŻAGĦ*** |
| | | |
| | | |
| 25.2.1 | | Ġew approvati il-minuti numri 33 u 34 tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra. |
| | | |
| 25.2.2 | | Ġew approvati l-minuti numru 25 tal-Kunsill Lokali żgħażagħ. |
| | | |
| 25.2.3 | | Ġew approvati l-minuti li saru fuq Festa Ħut. |
| | | |
| ***25.3*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAS-SOTTO ANZJALI U TAL-MINUTI TAR-REĠJUN NOFSINHAR*** |
| | | |
| 25.3.1 | | Ġew approvati l-minuti numru 42 tal-Kumitat Regjonali Nofsinhar. |
| | | |
| 25.3.2 | | Ġew approvati l-minuti tas-Sotto Kumitat Anzjani numru 8. |
| | | |
| ***25.4*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 25.4.1 | | Is-Sindku informa li l-BOV Żurrieq offra li jagħmel clean up Żurrieq fit-22 ta' April, bejn 13:00 u 17:00. Kien hemm qbil li l-Kunsill jirringrazzja lill-BOV u jindikalhom il-post ta' fejn il-grawnd tal-football biex jitnaddaf. L-ispejjeż ta' skip u materjal ieħor ser jitħalsu kollha mill-BOV. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 25.4.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li wara l-inizjattiva li kien ħa l-Kunsillier Joseph D'Amato biex isir restawr tan-niċċa ta' San Mikiel Arkanġlu, li tinsab fi Triq San Bartilmew, l-Ministeru għall-Gvern Lokali laqa' l-applikazzjoni tal-Kunsill fuq manutenzjoni tan-niċċa. Is-Sindku attenda għall-konferenza stampa fejn ġie nfurmat li l-manutenzjoni ser issir kompletament mill-Ministeru. |
| | | |
| 25.4.3 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-proposta tal-ġemellaġġ bejn il-Kunsill Lokali taż-Żurrieq u dak ta' Pedara fl-Italja, ġiet milqugħa u mitlubin imexxu bil-ftehim. |
| | | |
| 25.4.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-Avukat tal-Kunsill Dr Andre Borg ressaq protest ġudizzjarju għan-nom tal-Kunsill Lokali taż-Żurrieq fir-rigward tat-tabella 'Merħba Żurrieq' u l-arblu bil-bandiera ta' Ħal Safi. |
| | | |
| 25.4.5 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident fi Triq San Luqa, fejn qed jitlob li titwaħħal bollard mal-faċċata tar-residenza tiegħu minħabba li l-vetturi li jgħaddu qed jagħmlu ħsara lill-faċċata. Is-Segretarju Eżeukkiv ressqet ritratti u kejl tat-triq.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li t-triq hi dejqa wisq u tkun qed tostakola l-vetturi li jistgħu jgħaddu minnha. |
| | | |
| 25.4.6 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba ta' resident li ser imur joqgħod fi Triq il-Kbira. Din il-persuna qed titlob li l-Kunsill jagħti permess li ssir bankina ta' madwar metru wiesa' u fuqha jitwaħħlu bollards ornamentali b'katina magħhom. Ir-resident lest li jħallas għal kull spiża. Din it-talba qed issir minħabba l-periklu tat-tfal meta joħorġu mir-residenza. Ġie muri video tal-akwata biex il-Kunsilliera jaraw sew il-post.<br><br>Ma kienx hemm qbil fuq dan minħabba li t-triq hi dejqa wisq biex issirilha bankina u bollards u tkun preċedent għal toroq oħra dojoq li joqgħodu t-tfal fihom. |
| | | |
| 25.4.7 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-ilmenti kollha li jikkonċernaw patching u sinjali tat-traffiku qed jitressqu lill-kunsilliera inkarigati u wara diskussjoni issir works order skond il-bżonn. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 25.4.8 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni ta' ilment minn residenta fi Triq il-Qrendi k/m Vjal il-Blue Grotto li qed titlob barriers fil-kantuniera minħabba l-periklu tal-vetturi li qed jibqgħu deħlin fil-parapett tagħha. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 25.4.9 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill, li l-Kunsill irċieva ittra mill-Guy Boċċi Klabb fejn staqsew jekk hux ser terġa ssir il-kompetizzjoni tal-boċċi f'Jum iż-Żurrrieq. Kien hemm qbil li din issir bħal kull sena. |
| | | |
| ***25.5*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 25.5.1 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-Kunsill għandux xi risposti fuq il-proposti li kien għamel snin ilu fuq:<br>• Wied Fulija – xi proġett hemm maħsub li jsir biex tintuża għall-skop pubbliku<br>• Night Shelter għall-anzjani fiż-Żurrieq.<br><br>Kien hemm qbil li fir-rigward tal-ex miżbla ta' Wied Fulija, l-Kunsill jerġa jikkorrispondi maċ-Chairman tal-Wastserv filwaqt li fir-rigward tan-night shelter issir laqgħa mal-Ministru Justine Caruana. |
| | | |
| ***25.6*** | | ***Approvazzjoni: Xogħlijiet u Servizzi*** |
| | | |
| 25.6.1 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia staqsa fuq il-manutenzjoni tal-bankina fi Triq G M Callus fejn il-mużew tal-bniet. Ser terġa tinġibed l-attenzjoni tal-kuntrattur.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Kenneth Farrugia ħareġ mis-seduta (ħin 18:30) |
| | | |
| 25.6.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li għada l-Kunsill għandu laqgħa mal-Onorevoli Deborah Schembri fuq sit biex jintuża mill-Kunsill għal skopijiet soċjali. Hu talab l-approvazzjoni tal-Kunsill biex fil-laqgħa jkun preżenti membru tas-sotto kumitat tal-attivitajiet is-Sur Sandro Bonanno li hu intiż fuq Planning Authority. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 25.6.3 | | Il-Kunsillier Dino Bonnici staqsa jekk il-ħanut li fetaħ fi Triq Inglott għandux il-permess tal-Kunsill biex jagħmel fustun fit-triq. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet fin-negattiv.<br>Kien hemm qbil li sid il-ħanut jiġi mistoqsi xi ħsibijiet għandu fuq dan il-fustun u titressaq f'seduta oħra. |
| | | |
| 25.6.4 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ġibded l-attenzjoni li fi Triq Inglott il-hawker tal-ħaxix qed iħalli tliet bollards f'parkeġġ biex meta jiġi jkollu post fejn jipparkja. Hi rrappurtat il-każ lill-pulizija u ma sar xejn. Kien hemm qbil li tiġi nfurmata l-ispettur fuq il-każ. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 25.6.5 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ssuġġerixxa biex Triq il-Qrendi ssir 'one way traffic'.<br>Kien hemm qbil li tinġabar petizzjoni mir-residenti u titressaq lill-Transport Malta. |
| | | |
| | | |
| 25.6.6 | | Il-Kunsillier David Abdilla qal li fir-rigward tal-iffirmar tal-ġemellaġġ ma' Pedara, ġie mfassal programm għall-ġranet ta' bejn is-7 u l-11 ta' Settembru u tali programm ġie mressaq u diskuss mal-Kunsill ta' Pedara.<br>Fir-rigward ta' transport kien mitlub lid an jitħallas kollu minn Pedara u ġaladarba jiġu Malta, t-trasport ta' Malta jitħallas mill-Kunsill taż-Żurrieq. Il-prezzijiet għal persuni li ser jakkumpanjaw lill-Kunsill ser jinħarġu aktar tard din il-ġimgħa, biex ikun jista jsir avviż lill-pubbliku. |
| | | |
| 25.6.7 | | Il-Viċi Sindku Rita Grima nfurmat li fil-jiem li għaddew saret attivita' ta' għoti ta' demm fil-berġa tas-saħħa u għal din l-attivita' offrew id-demm 47 persuni imam kienu eliġibli li jgħatu 33 biss. Il-bank tad-demm kien sodisfatt bl-attendenza. |
| | | |
| 25.6.8 | | F'dan il-punt is-Sindku ressaq mozzjoni biex punt numru 8 u punt numru 7 jiġu diskussi ssa minħabba li kienu preżenti terzi persuni fis-seduta.<br>Il-mozzjoni ġiet issekondata mill-Kunsillier Pierre Farrugia. U għaddiet bi qbil unanimu. |
| | | |
| **25.8.1** | | ***Attivita' tat-tajr fi Ġnein il-Ġibjun (Kienu preżenti s-Sur Ray Schembri u s-Sur Lorry Collins)*** |
| | | |
| 25.8.1 | | Is-Sindku intoduċa lill-persuni preżenti u stedinhom iressqu l-proposta tagħhom lill-Kunsill. |
| | | |
| 25.8.2 | | Is-Sur Ray Schembri rringrazzja lis-Sindku li laqgħa t-talba tagħhom u stedinhom ikunu preżenti għas-seduta. Hu qal li l-attivita' tat-tajr ser terġa tkun fid-29 ta' Ġunju, li ser ikun il-Ħamis, fil-Ġnien tal-Ġibjun. Hu qal li s-sena l-oħra l-attivita' kienet suċċess u inġabru 5,355Euro għal għan nobbli.<br>Is-Sur Ray Schembri staqsa għal-stand fl-attivita' ta' Festa Ħut biex jippromovi l-attivita' tat-tajr u għajnuna fix-xiri ta' ħjut u karti għall-attivita'.<br>Is-Sindku qal li l-Kunsill ser jgħati l-għajnuna tiegħu kif ta s-sena l-oħra u din is-sena offra ukoll li jgħati paġna fil-Kunsill News biex tintuża għal din l-attivita'. Is-Sindku personali qal li ser iqassam ittri fil-ħwienet taż-Żurrieq u ser jattendi għal-laqgħat f'isem il-Kunsill, li ser ikollu l-kumitat tat-tajr. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Is-Sur Lorry Collins qal li s-sena l-oħra kellhom intoppi kbar bil-permessi tal-pulizija u ta' permess temporanju biex setgħu jiġbru fondi f'isem entita. Huma kellhom saħansitra jqabbdu awditur fuq il-każ.<br>Is-Sindku ssuġġerixxa biex l-fondi li jinġabru din is-sena jmorru għall-istitut tas-Sorijiet tan-Nigret minħabba li fi ftit xhur oħra ser jibda jkollhom 18 –il tarbija x'jieħdu ħsieb. Dawk preżenti qalu li ser jikkunsidraw is-suġġeriment.<br><br>Il-Kunsillier David Abdilla ġiebed l-attenzjoni li fuq il-posters/flyers/ reklami li jinħarġu jkun inkluż il-Kunsill Lokali. Kien hemm qbil fuq dan.<br><br>Dawk preżenti nfurmaw li għandhom paġna fuq face book bl-isem flyakite for charity. |
| | | |
| ***25.7*** | | ***Financial Statements 2016(kienet preżenti l-Accountant)*** |
| | | |
| 25.7.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv introduċiet lis-Sinjura Doreen Calleja – l-Accountant tal-Kunsill li spjegat u wieġbet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera fuq il-financial statements 2016. Fost il-punti hi fehmet lill-Kunsill li l-income tal-Gvern għal din is-sena kien aktar minn snin preċedenti u li l-Kunsill hu mmexxi finanzjarjament tajjeb mill-kap finanzjarju.<br><br>Il-Kunsill irringrazzja lill-Accountant tal-ispjega tagħha. |
| | | |
| **25.6** | | ***Tkomplija ta' punt numru 25.6*** |
| | | |
| 25.6.6 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill biex meta fis-seduta jkunu preżenti terzi persuni, biex ikellmu lill-Kunsill fuq xi ħaġa, l-Kunsill għandu jisma u jistaqsi biss u wara li tali persuni joħorġu mis-seduta, l-Kunsill għandu jieħu deċiżjoni u jkunu avżati biha wara u mhux xi ħadd mill-Kunsill jieħu deċiżjoni dak il-ħin stess li jkunu preżenti terzi persuni u jitkellem f'isem il-Kunsill kollu.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***25.9*** | | ***Kuntratt tal-Outdoor Gym (ex ptich tal-boċċi)*** |
| | | |
| 25.9.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet abbozz ta' kuntratt emendat minn Sportsmalta hekk kif inġibdet l-attenzjoni tad-Direttur tal-Gvern Lokali.<br>Dan l-abbozz ġie approvat unanimament mill-Kunsill.<br>Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li t-tender tagħlaq fit-3 |

| | | |
|---|---|---|
| | | ta' April u f'seduta oħra jkun jista jiġi aġġudikat.<br><br>Il-ftuħ tat-tenders bl-EPPS ser isir mill-impjegati tal-Kunsill, filwaqt li l-proċess tal-aġġudikar isir mis-Sindku u l-Kunsilliera Tiffany Ann Farrugia, Joseph D'Amato u Pierre Farrugia, wara li tkun approvata fis-seduta tal-Kunsill. |
| | | |
| | | |
| ***25.10.1*** | | ***Proġett tal-Mitħna tax-Xarolla u l-akwata*** |
| | | |
| 25.10.2 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato nforma lill-Kunsill li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kellhom laqgħha l-Meusac u ġew infurmati li l-fondi mill-UE għal manutenzjoni u tisbieħ tal-Mitħna tax-Xarolla u l-akwata huma remoti ħafna minħabba li għall-istess fondi ser japplikaw ukoll il-Kurja, l-Gvern u NGOs.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li wara survey arkeoloġiku u xogħol estensiv ieħor li sar mill-Kunsill, jipproponi li tali proġett isir mill-fondi tal-UIF u minn fondi oħra li jistgħu jinġiebu meta ssir il-laqgħa mal-Onoroevoli Owen Bonnici.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***25.11.1*** | | ***Uniformijiet għall-impjegati*** |
| | | |
| 25.11.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-aħħar uniformijiet li inxtraw lill-impjegati kien fis-sena 2013 u f'din is-sena ġew allokati fondi biex jerġgħu jinxtraw, dawn iridu jikludu ukoll lill-impjegata l-ġdida.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| | | |
| ***25.12.1*** | | ***Festa Ħut u Jum iż-Żurrieq*** |
| | | |
| 25.12.2 | | Is-Sindku u l-Kunsillier Pierre Farrugia qal li saret laqgħa ma' rappreżentanti tal-għaqdiet fuq l-attivita' ta' Festa Ħut. Is-Sindku ppropona li l-arbli li ser isiru biex magħhom tiddendel bandiera, jkunu mingħajr labardi. Hu qal li qamet diskussjoni fuq hekk imma s-Sindku u l-Kunsillier Pierre Farrugia nsistew fuq dan.<br>Is-Sindku qal li għal din l-attivita' il-Dipartiment għall-Gvern Lokali ser joffri s-somma ta' 8,00Euro u tali arbli setgħu jiġu mħalsin b'kirja mingħand l-għaqdiet.<br><br>F'dan il-punt il-Kunsillier Pierre Farrugia qara email li hu flimkien mal-Kunsill irċevew ftit tal-minuti qabel ma bdiet is-seduta. Din l-email intbagħtet mis-Segretarju tal-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria fejn |

| | | |
|---|---|---|
| | | allegaw li ' *Il-preżenza tas-Soċjeta' Mużikali Sta. Katarina waqt din il-laqgħa kienet xhieda ċara li kellhom informazzjoni iktar milli kellna aħna fl-istedina, ċioe' li għal din is-sena ser ikun hemm xi forma ta' kumpens.'*<br><br>F'dan il-punt is-Sindku qal li din l-email hi skorretta u ma jsibx diffikulta li jekk ser jinqal xi paroli tali arbli ma minn ħadd. Hu żied jgħid li min kien preżenti f'isem l-Għaqda Karmelitana u Banda Queen Victoria żgur li wassal il-messaġġ tal-laqgħa ħażin. Dan kien ikkonfermat mill-Kunsillier Pierre Farrugia. Is-Sindku qal li hekk kif tispiċċa s-seduta kien ser ikellem lis-Segretarju s-Sur Alan Mamo fuq dan.<br><br>Il-Kunsillier Joseph D'Amato ġibed l-attenzjoni li f'seduti ta' snin preċedenti l-Kunsill kien qabel li meta jkunu mistiedna rappreżentanti minn Għaqdiet, dejjem għandu jkun preżenti l-President u s-Segretarju tat-tali għaqda u mhux rappreżentant ieħor. Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal ligħaqda qatt ma għandha tkun rappreżentata minn persuna waħda biss, biex b'hekk dak li jintqal ikun ikkonfermat minn tnejn.<br><br>Kien hemm qbil li l-email mibgħuta tkun imwieġba f'dan is-sens. |
| | | |
| 25.12.3 | | Il-Kunsillier Pierre Farrugia qal li ser jinħarġu applikazzjonijiet għal stands għal Festa Ħut u min ikun jaf lill xi persuni interessati jista javviċinhom. |
| | | |
| 25.12.4 | | Is-Sindku wera tpinġijiet ta' studenti mill-iskola primarja li ser jintużaw għall-poster ta' Festa Ħut.<br>Mit-tpinġijiet li ġew sottometti s-Sindku ppropona hekk<br>l-ewwel post – Thea Saliba – sena 5.1 – Is-Sajd u l-ħut fiż-Żurrieq.<br>It-tieni post – Anthea Mamo – sena 5.1<br>It-tielet post – Gabriel Azzopardi – sena 5.1<br><br>Kien hemm qbil fuq dan. It-tpinġija li ġiet l-ewwel ser tintuża għal-poster filwaqt li l-oħrajn ser jingħataw rikonoxximent f'Jum iż-Żurrieq. |
| | | |
| 25.12.5 | | Is-Sindku qal li ħarġu l-applikazzjonijiet għan-nomini ta' Ġieh iż-Żurrieq.<br><br>Kien hemm qbil li l-bord tal-għażla jibqa magħmlul mill-persuni li mexew fis-snin preċedenti. |
| | | |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***25.13.1*** | | ***Tiġdid ta' Reduced Working Hours tal-Impjegati*** |
| | | |
| 25.13.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet żewġ ittri tal-impjegati Charmaine Atanasio u Francesca Camilleri fejn qed itolbu li jġeddu l-ftehim tar-reduced working hours b'sena oħra. |
| | | |
| 25.13.2 | | Kien hemm qbil ma din it-talba sakemm il-Kunsill ma jkollux esiġenzi oħra. |
| | | |
| ***25.14.1*** | | ***Tiġdid ta' kera tal-Garage tan-Nigret*** |
| | | |
| 25.14.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet kuntratt ta' tiġdid tal-kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sinjur Anthony Farrugia fuq garage kbir fin-Nigret li qed jintuża bħala store tal-Kunsill. Dan il-kuntratt jiskadi f'Otturbru, 2017 u jiswa €1677.19 u għal din is-sena ser jiżdied b'€46.59.<br><br>Kien hemm qbil fuq dan li dan jiġi mġedded għax il-garaxx hu bżonnjuż għall-Kunsill biex jitqegħdu l-armar tal-Milied u l-arkivji tal-Kunsill. |
| | | |
| ***25.15*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 24.15.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' **€279,810.32.**<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u l-Viċi Sindku Rita Grima u mill-Kunsillier Jean Pierre Attard. |
| | | |
| ***25.16*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 25.16.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fis-20:20. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 26ta' April, 2017 fis-6.00 ta' filgħaxija. |
| | | |

Konfermati, illum _26 ta' April, 2017.

IFFIRMAT

Ignatius Farrugia
**Sindku**

IFFIRMAT

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**